**Dak jien**

Din hi l-frażi li tħobb toħroġ minn fommi
Hi l-frażi li biha nesprimi min jien,
Inħobb ngħidha f'kull waqt u ċirkustanza
Meta nkun b'saħħti u meta nkun għajjien.

Hi l-frażi li lili bil-wisq tferraħni
Għax tgħinni nħares lil hinn minn dal-isqaq,
Hi kelma li bil-ġid kbir taf timlini
U titfaħli toroq għalkemm twal u rqaq.

Fuq kollox dil-frażi lili turini
Li f'ħajti m'għandi għalfejn nogħġob lil ħadd,
Għax jekk b'dak li ngħid u nwettaq qed nogħġob
Lill-Mulej Alla, b'hekk għoġobt lil kulħadd.

Imbagħad dik "il-jien"mhux kif ħafna jaħsbu
L'hi individwaliżmu, indifferenza,
Imma għall-kuntrarju hi kelma qaddisa
Li ħarġet minn fomm Alla, il-preżenza.

U hekk fil-ħajja, bil-għajnuna tiegħu
Nissokta miexi, ferħan bis-sliem f'qalbi,
U b'dik il-kelma tant sabiħa fija
Li nħossha l-ħin kollu twettaqli qalbi.

Sal-waqt li meta nkun bħal kulħadd mgħobbi
Minn qalbi nfittex lil Dak fuq is-Salib,
Li fih nara mħabbtu għal min tant warrbu
U minfuq ittrattah b'għadu u mhux b'ħabib.

U minn hemm nirċievi l-qawwa bil-bosta
Fejn l-uġigħ jinbidilli f'duwa bla żmien,
Għax f'għajnejh kollha mħabba w affezzjoni
Jien nista' nxandar kollni ferħan: Dan jien.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.